# IL-WIĊĊ IS-SABIĦ TAL-FACEBOOK



CARMELO ABELA / Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali




Idea ta' kif ikun jidher AMBER Alert fuq il-Facebook

Tistartja l-magna, tiftaħ ir-radju u titlaq għal għonq it-triq. Daqqa xxengel rasek mar-ritmu ta' xi melodija għal qalbek li tkun qiegħda tindaqq, daqqa tgemgem xi ħaġa minn taħt l-ilsien għax xi ħadd baqa' ħiereġ bl-addoċċ, u daqqa tintilef fil-ħsibijiet dwar x'se ssib jistennik malli tasal ix-xogħol. Issib ruħek f'serbut twil ta' karozzi weqfin quddiem id-dwal tat-traffiku u daħħal idek fil-basket biex toħroġ il-mowbajl ħalli tara daħalx xi messaġġ... ma ssibux. Tfittex u ġġib lil min ifittex, iżda xorta waħda ma jkunx hemm ħjielu. Tirrealizza li tkun insejtu warajk id-dar. X'tagħmel? Naf żgur li l-biċċa l-kbira minna nerġgħu lura d-dar għalih, dment li ma jkunx hemm modi oħra kif jista' jasal għandna fl-iqsar żmien possibbli.

Bla mowbajl – u, partikularment, mingħajr il-konnessjoni kontinwa li joffrilna mal-Internet – sirna nħossuna bħallikieku għandna parti minn ġisimna nnifsu nieqsa. Sar estensjoni tagħna. Dan huwa dejjem aktar il-każ inqas ma tkun l-età ta' dak li jkun, għalkemm nibqa' sorpriż bin-numru ta' anzjani li wkoll jużaw il-mowbajl b'faċilità liema bħalha. Drajna nkunu "mqabbdin mad-dinja" l-ħin kollu, lejl u nhar.

Ħafna drabi ma jkollniex verament bżonnu, iżda sar dipendenza. Dan jgħodd l-aktar għall-midja soċjali, f'Malta primarjament il-Facebook. Inqumu filgħodu u, waqt li qed isir il-kafè, erħilna niċċekkjaw it-*timeline* u l-messaġġi tal-"ħbieb", jekk mhux ukoll nilagħbu xi logħba bis-serqa, daqslikieku ħajjitna kienet tiddependi minnhom.

L-istess nagħmlu mal-ġurnata – waqt il-laqgħat, waqt li nkunu qegħdin nieħdu *drink* mal-ħbieb, u waqt li nkunu qegħdin nieklu mal-familja. Il-biċċa l-kbira tagħna llum insiru nafu x'inhu jiġri la mill-gazzetti, la mit-televixin jew mir-radju, u lanqas mis-siti elettroniċi – iżda mill-Facebook.

Din hija realtà li rridu ngħixu magħha. Allura, ma jaqbilx li nisfruttaw din id-dipendenza tagħna fuq din it-teknoloġija għall-ġid tagħna? Kien proprju biex nagħmlu dan li, bħal-lum ġimgħa, il-Pulizija Maltija ssieħbet mal-kumpanija Facebook biex din il-kumpanija prestiġġjuża tgħinha fit-tfittxija f'każ – allaħaresqatt – li tifel jew tifla jgħibu jew jinħatfu u jkun hemm il-biża' li jista' jiġrilhom xi ħaġa jew saħansitra jinqatlu.

Dawk kollha li jużaw il-Facebook f'Malta, inklużi t-turisti, minn issa 'l quddiem se jibdew jirċievu allerti awtomatiċi (mingħajr m'għandhom għalfejn jimmarkaw li togħġobhom xi paġna) fuq it-*timeline* tagħhom f'każ li tifel jew tifla jinħatfu jew jiġu rrappurtati neqsin u jkunu f'riskju imminenti li jiġrilhom xi ħaġa. AMBER Alert huwa messaġġ urġenti li l-Pulizija toħroġ meta tifel jew tifla jinħatfu jew jgħibu, u tkun qiegħda tibża' li l-ħajja jew is-saħħa tagħhom ikunu fil-periklu. Il-messaġġ imbagħad jingħadda lil aktar nies minn diversi organizzazzjonijiet li ssieħbu mal-Pulizija f'dan il-proġett utli.

*Id-deċiżjoni tal-Facebook li jidħol fi sħubija bħal din mal-Pulizija Maltija hija sinjal ta' fiduċja fis-serjetà u l-kapaċità tal-Korp*

L-AMBER Alert Malta hija r-riżultat ta' koperazzjoni bejn il-Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali, il-Korp tal-Pulizija, u l-organizzazzjoni bla skop ta' qligħ AMBER Alert Europe, u ġiet inawgurata fl-10 ta' Jannar 2017. Il-Facebook huwa l-aħħar organizzazzjoni li qiegħda tingħaqad mas-sistema Maltija tal-AMBER Alert.

Kien ta' pjaċir għalina li nilqgħu fostna lil waħda mill-aktar uffiċjali għoljin tal-kumpanija, Emily Vacher, li ġiet Malta apposta mill-Istati Uniti. Il-preżenza tagħha f'pajjiżna u d-deċiżjoni tal-Facebook li jidħol fi sħubija bħal din mal-Pulizija Maltija huma wkoll sinjal ta' fiduċja fis-serjetà u l-kapaċità tal-Korp.

M'għandniex xi ngħidu: aktar ma tibda malajr it-tfittxija u akbar ma jkun l-għadd tan-nies li jintlaħqu b'allert, akbar tkun il-probabbiltà li tifel jew tifla neqsin u fil-periklu jinstabu. Minħabba li l-Facebook huwa l-aktar pjattaforma tal-kuntatti soċjali popolari f'Malta, id-deċiżjoni ta' din il-kumpanija li tissieħeb mal-Pulizija tagħna tfisser li, fl-eventwalità ta' tifel jew tifla neqsin u fil-periklu, aktar nies se jkunu jistgħu jkunu involuti fit-tfittix f'dawk l-ewwel sigħat kruċjali.

L-AMBER Alerts jistgħu jirnexxu aktar kemm-il darba, f'każ ta' tfal neqsin u fil-periklu, in-nies jiġu infurmati aktar minn darba. Jekk jirċievu l-informazzjoni minn mezzi differenti, iċ-ċansijiet li xi ħadd jilmaħ lit-tifel jew tifla u jagħrafhom jiżdiedu. Għalhekk, inħeġġeġ biex saħansitra aktar organizzazzjonijiet li huma f'pożizzjoni li jgħinu biex iwasslu l-allerti lin-nies jissieħbu f'din l-inizjattiva tajba billi jikkuntattjaw lill-Community & Media Relations Unit tal-Pulizija jew billi jibagħtu nota fuq info@amberalert.com.mt. Fil-ġimgħat li ġejjin il-Pulizija, f'kollaborazzjoni mal-lista sostanzjali ta' *partners* li diġà ssieħbu, se toħroġ allert taparsi biex tittestja s-sistema u turi lill-pubbliku kif taħdem.

Nappella wkoll biex aktar nies u organizzazzjonijiet jinkitbu fuq is-sit elettroniku tal-AMBER Alert Malta (amberalert.com.mt), li hu disponibbli kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż, biex jirċievu l-aġġornamenti u lallerti u b'hekk ikunu jistgħu jgħinu fit-tfittxija għat-tfal neqsin li jkunu fil-periklu.

## L-INTERNET VS IT-TERRORISTI

Daqs kemm huwa għodda b'saħħitha għall-ġid, l-internet huwa wkoll ħobż għal snien min irid jagħmel id-deni u l-ħsara. It-terroristi, ngħidu aħna, qegħdin iserrħu dejjem aktar fuq l-internet biex jikkomunikaw bejniethom u mal-bqija tad-dinja. L-esperti jgħidulna li t-terroristi jużaw l-internet biex jgħaddu l-informazzjoni bejniethom, jikkoordinaw l-attakki tagħhom, ixerrdu l-propaganda, jiġbru l-fondi, u jirreklutaw.

Bħala parti mill-ġlieda bla waqfien tagħna kontra t-terroriżmu, f'Diċembru tal-2015 tajna bidu għall-*forum* tal-UE dwar l-internet. Taħt din l-umbrella l-Kummissjoni Ewropea, il-Ministri tal-Intern tal-Istati Membri tal-UE, u l-industrija tal-internet qegħdin naħdmu flimkien fi sħubija volontarja biex naffrontaw din is-sitwazzjoni kumplessa u nħarsu liċ-ċittadini tagħna mill-perikli. Fil-*forum* niddiskutu dwar l-isfidi li jippreżentalna l-użu tal-internet mit-terroristi, nifhmu aħjar x'kapaċi u x'mhux kapaċi jikkontribwixxi kull wieħed minna għal din il-ġlieda, u nidentifikaw oqsma li fihom nistgħu nikkoperaw bejnietna aktar 'l quddiem.

Minn mindu twaqqaf il-*forum*, ittieħdu diversi miżuri konkreti kontra l-abbuż tal-internet mill-gruppi terroristiċi internazzjonali, u diġà bdew jidhru r-riżultati. Madwar 90% tal-kontenut li ġie rriferut lill-kumpaniji tal-internet mill-Europol tneħħa. Iżda l-isfida għadha hemm – u kif – u ma nistgħu qatt nieqfu niffissaw ħarsitna f'għajnejn l-għadu. Irridu nkomplu nindirizzaw is-sitwazzjoni mingħajr, iżda, ma nikkompromettu l-valuri fundametali tagħna bħal-libertà tal-kelma. Kien f'dan il-kuntest li l-ġimgħa li għaddiet irrappreżentajt lill-Presidenza Maltija tal-Kunsill tal-UE f'laqgħat ta' livell għoli ma' tliet kumpaniji ewlenin tal-internet ibbażati fl-Istati Uniti tal-Amerika: il-Google, il-Facebook, u t-Twitter.

Id-delegazzjoni tal-UE fis-Silicon Valley, fl-Istat tal-California, mexxieha l-Kummissarju Ewropew għall-Migrazzjoni, Dimitris Avramopoulos. Kien hemm ukoll il-Ministru tal-Intern tal-Estonja, Andres Anvelt, f'isem il-Presidenza li jmiss tal-UE; il-Koordinatur tal-UE għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu, Gilles de Kerchive; kif ukoll rappreżentanti tal-Europol u tan-Netwerk ta' Sensibilizzazzjoni dwar ir-Radikalizzazzjoni. Waqt il-laqgħat f'California, sħaqna biex innaqqsu l-aċċessibbiltà għall-kontenut tat-terroristi fuq l-internet, filwaqt li naraw li s-soċjetà ċivili jkollha aktar kapaċità li żżid il-volum ta' messaġġi effettivi li jikkumbattu jew ixejnu l-propaganda tat-terroristi.

F'dinja li qiegħda tinbidel b'ritmu mgħaġġel, il-ġlieda kontra t-terroriżmu tippreżentalna sfidi li dejjem jevolvu.

F'din is-sitwazzjoni, il-koperazzjoni ma taqta' xejn bejn il-gvernijiet u s-settur privat tista' xxekkel bil-kbir l-attività fuq l-internet tal-gruppi terroristiċi. Irridu naraw li nkomplu nibnu fuq il-progress li għamilna mal-Google, mal-Facebook, u mat-Twitter filwaqt li nikkooperaw ma' aktar kumpaniji.

F'din id-dimensjoni, il-battalja rridu nirbħuha aħna.